# *KUNSILL LOKALI MARSA*

*Minuti tal-Ħamsa w Erbgħin laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 21 ta' Jannar 2015 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-Ħamsa w kwart ta' filgħaxija (5.15pm)*

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Vici Sindku |
| Is-Sur Anthony Buhagiar | Kunsillier |
| Is-Sur Noel Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Grima | Kunsillier |

## *1. Talba.*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## *2. Approvazzjoni tal-Minuti ta' l-Erbgħa u Erbgħin laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa 10 ta' Diċembru 2014.*

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellhu emendi fuq il-minuti msemmija s-Sur Joseph Grima ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *3. Komunikat mis-Sindku*

3.1 Ma kien hemm l'ebda komunikat mis-Sindku.

## 4. *Deċiżjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mill-11 ta' Diċembru 2014 sa l-21 ta' Jannar 2015*

4.1 Is-Sindku ppreżenta korrispondenza mibgħutha mill-Għaqda Santissima Triinita' Qaddisa fejn il-Kunsill ġie mitlub servizz ta' reklamar fil-kalendarju u fid-djarju li tippubblika l-Għaqda għas-somma ta' mitejn u tletin ewro (€230) fejn ippropona li l-Kunsill għandu japprova dan is-servizz. Is-Sur Anthony Buħagiar issekonda. Il-Vot kien unanimu.

4.2 Is-Sindku ppreżenta wkoll korrispondenza mill-Iskola Primarja Marsa u wara diskussjoni fuq it-talba sabiex il-Kunsill jgħin f'attivita' tal-Karnival is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li s-servizz tal-Kunsill għandu jkun ta' reklamar liema spiża ma teċċedix il-mitejn u ħamsin ewro (250). Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzoppardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

4.3 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni korrispondenza mibgħutha mill-Pageant Group Marija Regina fejn il-Kunsill ġie mistoqsi jekk il-Kunsill hux interessat jagħmel reklamar fuq il-ktieb ta' l-Għaqda li jippubblikaw matul il-Ġimgħa Mqaddsa. Is-Sindku ppropona li bħas-snin l-imgħoddija jingħata dan is-servizz għas-somma ta' mitejn u ħamsin ewro (€250). Is-Sur Joseph Grima ssekonda. Il-vot kien unanimu.

4.4 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill ukoll korrispondenza mibgħutha mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar l-allokazzjoni finanzjarja li l-Kunsill ser ikun qed jirċievi għas-sena finanzjarja 2015 li tammonta għal erba' mija u tnejn u sittin elf, tmien mija u tnejn u għoxrin ewro (€462,822).

4.5 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li għal futbol tournament li l-Kunsill ser ikun qed jorganizza fi Frar ikkonfermaw l-iskejjel tal- Marsa u Senglea.

4.6 Is-Sindku ppropona li l-lista ta' korrispondenza tiġi kkunsidrata bħala moqrija. Is-Sur Joseph Grima ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 5. *Schedule of Payments 1/15*

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet, is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet kif ippreżentati. Is-Sur Joseph Grima ssekonda. Il-vot kien unanimu.

## 6. *Purchase Order 3941-3975*

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Order minn numru 3941 sa 3957 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Anthony Buhagiar ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 7. *Purchase Request 2925-2957*

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Request minn numru 2925 sa 3975 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

Is-Sur Dominic Spencer daħal fis-sala fil-ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm)

## 8. *Performance Bonus tas-Segretarju Ezekuttiv*

8.1 Is-Sindku pprezenta il-"Performance appraisal" tas-Segretarju Ezekuttiv għal benefiċċju tal-Kunsilliera preżenti fejn irrakkomanda li l-Kunsill japprova l-massimu tal-performance bonus. Il-Vici Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu

## 9. *Akkumulazzjoni ta' Leave ta' l-Impjegata*

9.1 Is-Sindku nforma lill-membri pprezenti li l-Impjegata is-Sinjura Leann Xuereb għandha leave akkumulat ta' tmienja u ħamsin siegħa (58) għalhekk talab lill-Kunsill biex dan jiġi mġedded u jkunu utilizzabbli sas-sena 2015. Is-Sur Anthony Buhagiar issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 10. *Deċiżjoni fuq Tender Mixed Household Waste in an Environmentally Friendly Matter.*

10.1 Is-Sindku ppreżenta l-unika offerta li l-Kunsill irċieva għal dan it-tender li kopja tas-Schedule of Rates qed tiġi annessa ma dawn il-minuti. Is-Sindku ppropona li tiġi aċċettata din l-offerta billi kienet l-unika offerta. Is-Sur Joseph Cachia ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

Is-Sur Noel Scerri daħal fis-sala fis-sitta nieqes kwart ta' filgħaxija (5.45pm)

## 11. *Ħruġ ta' Tender Street Cleaning Services*

11.1 Is-Sindku ppropona li dan it-tender jinħareġ għal erba' snin u jiġi emendat li l-Kuntrattur għandu joffri dan is-servizz b'erba' kenniesa minflok bi tlieta kif ukoll mingħajr knis mekkanizzat. Iż-żmien ta' kemm għandha tibqa' miftugħha din l-offerta għandu jkun ta' xahar u l-prezz tad-dokument ikun ta' mija u ħames ewro (€105). Ir-reklamar fuq il-ġurnali għandu jinħareġ kif deċiż mill-Kunsill f'seduti preċedenti. Is-Sur Joseph Grima ssekodna. Il-Vot kien unanimu.

## 12. *Ħruġ ta' Tender Cleaning and Maintenance of Public Convenience*

12.1Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Kunsill japprova li jinħareġ dan il-Kuntratt u dan il-kuntratt għandu jiġi emendat b'tali mod li l-latrina tal-Pont ta' San Tumas għandu jkollha f'kull ħin persuna li tieħu ħsieb il-manutenzjoni u t-tindif tagħha filwaqt li dik ta' Spencer m'għandhiex għalfejn ikollha persuna assenjata il-ħin kollhu magħha. Il-Kundizzjonijiet kollha l-oħra fit-tender preċedenti għandhom jibqgħu japplikaw. Iż-żmien ta' kemm għandha tibqa' miftugħha din l-offerta għandu jkun ta' xahar u l-prezz tad-dokument ikun ta' mija u ħames ewro (€105). Ir-reklamar fuq il-ġurnali għandu jinħareġ kif deċiż mill-Kunsill f'seduti preċedenti. Is-Sur Joseph Cachia ssekonda. Is-Sur Dominic Spencer talab li l-Kunsill joħroġ dan it-tender kif ppropost filwaqt li tinħareġ oħra fejn il-Kunsill jikkri mobile toilets u jagħlaq iż-żewġ latrini eżistenti. B'hekk il-Kunsill ikun jista' jqabbel x'inhi l-aħjar għażla. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Gvern Ċentrali jagħti fondi spesifikament għal tindif u manutenzjoni taż-żewġ latrini eżistenti u fl-ebda istante il-Kunsill mhu permess li jagħlaq tali latrina. Barra minhekk il-Kunsill ma jistax joħroġ żewġ offerti differenti li waħda minnhom ma tistax tiġi kkunsidrata. Dan imur kontra l-proċeduri finanzjarji tal-Kunsill fuq ħruġ ta' Tender. Wara diskussjoni li saret fuq dan is-suġġett is-Sindku talab deċiżjoni mill-membri ppreżenti fuq il-mozzjoni mressqa minnhu. Il-Vot kien unanimu.

## 13. *Approvazzjoni ta' Fondi mill-Gvern*

13.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippropona sabiex il-Kunsill iressaq it-talba tiegħu li l-proġett magħżul mill-Kunsill biex il-Gvern jagħti l-fondi addizzjonali taħt l-Iskema maħruġa mill-Gvern Proposti mill-Kunsilli Lokali għall-Proġett Kapital ikun ta' tarmak ġdid fi Triq it-Tiġrija li l-ispiża tagħha hija ta' ħamsa u disgħin elf ewro ( €95000). Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 14. *Deċiżjoni fuq Impjegat/a Part-time.*

14.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġew milqugħa ħamsa w għoxrin applikazzjoni u li sitta minnhom m'humhiex eliġibbli minħabba li m'għandhomx il-kwalifiki mitlubha mill-Kunsill u allura n-numru ta' kandidati li huma eliġibbli biex jokkupaw dan il-post huma dsatax. Is-Sindku ddikkjara li waħda mill-kandidati eliġibbli tiġi n-neputija tiegħu u għaldaqstant huwa għandu interess pekunjarju u għalhekk skond il-proċeduri tal-liġi dwar il-Kunsilli Lokali 1993 huwa ma jistax jipparteċipa la waqt il-laqgħa, la fl-għażla u lanqas fid-diskussjoni u deċiżjoni dwar din il-materja. Is-Sindku talab ukoll li din il-kandidata tiġi eliminata mill-possibilta' li tiġi magħżulha għal dan l-impjieg temporanju mall-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv li qal li l-Kunsill ma jistax jelimina din il-kandidata billi din għandha r-rekwiżiti kollha rikjesti mill-Kunsill u allura eleġibbli li tkun waħda li trid tissejjaħ għal interview. Il-Kunsill imur kontra kull regola jekk ma jsejjaħx għall-interview din il-kandidata. Huwa sostna li l-proċeduri tal-Kunsill Lokali jesiġu li " kull Kunsillier jikxef lill-Kunsill kull relazzjoni familjari rilevanti li hu jkun jaf li teżisti bejnu u bejn kull persuna oħra li hu jkun jaf li jkollha jew tkun kandidat għal ħatra ta' kariga taħt il-Kunsill. Il-kxif kollu magħmul taħt is-subartikolu (1) għandu kemm jista' jkun malajr ikun mgħarraf mis-Segretarju Ezekuttiv lill-Kunsill u ikun id-dmir tal-Kunsill li jirreġistra fil-minuti partikolaritajiet tal-kxif."

Wara diskussjoni li saret is-Sur Noel Scerri ppropona li jintalab "ruling" biex isaħħaħ dan l-argument fuq id-deċiżjoni tal-Kunsill li din il-kandidata tiġi msejjħa għall-interview filwaqt li ppropona li l-bord ta' l-għażla jkun kompost mis-Segretarju Ezekuttiv u mill-Accountant tal-Kunsill filwaqt li kull Kunsillier jista' jkun osservatur waqt l-interviews ta' dawn il-kandidati eliġibbli. Is-Sur Joseph Grima ssekonda. Is-Sur Dominic Spencer iddikkjara li huwa ser jivvota kontra minħabba li ma jaqbilx li l-Kunsill jimpjega persuna fuq bażi part-time iżda jesiġi li l-pożizzjoni għandha tkun waħda ta' full-time u l-kumpliment klerikali minn tnejn jiġi għal tlieta. Il-Vot kien ħamsa favur u wieħed kontra.

## *15. Tweġibiet għall-mistoqsijiet preżentati mill-Kunsilliera*

15.1 Is-Sur Joseph Grima talab biex jingħata patching fi Triq Chester. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li l-Kunsill tiġa ddeċieda li din it-triq tingħata t-tarmak u fil-fatt huwa mistenni li dan ix-xogħol ta' kisi ta' tarmak ta' din it-triq jitlesta sa l-aħħar ta' Frar.

15.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab sabiex il-Kunsill jitlob li ssir Zebra Crossing b'mod permanenti quddiem il-Knisja tat-Trinita' mingħajr ma ttellef l'ebda armar ta' Għaqda matul il-Festa. Is-Sindku wieġeb fejn qal li kif jaf tajjeb is-Sur Azzopardi din it-talba tiġa saret iżda qatt ma ġiet aċċettata minn Transport Malta jekk kemm il-darba il-bankina ma titwessax u b'dan il-mod ikun qed itellef spazju ta' parkeġġ ta' karozzi kif ukoll joħloq inkonvenjent lill-armar .

15.3 Is-Sur Joseph Grima saqsa fuq il-possibilta' li l-Kunsill jitlob li din iz-zebra crossing issir ftit l-isfel mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali. Wara diskussjoni li saret fuq dan is-suġġett fejn ġie espress il-possibilta' li din it-talba ma tiġhix aċċettata minn Transport Malta minħabba ċertu restrizzjonijiet li jistgħu jiġu mposti s-Sindku ppropona li l-Kunsill jagħmel din it-talba b'mod uffiċċjali lill-Transport Malta. Is-Sur Joseph Grima ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

15.4 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab li l-Kunsill jitlob lill-Ministeru tat-Trasport sabiex jagħmel Zebra Crossing fi Triq Reġjonali sabiex ikunu jistgħu jaqsmu din it-triq ir-residenti li joqogħdu fl-akkwata tal-Korsa taż-Żwiemel. Is-Sindku wieġeb li din it-talba kienet tiġa saret u fil-fatt il-Gvern preċedenti kien ta kuntratt sabiex issir subway minn Triq is-Serkin għal Triq Nerik Sacco lill-kuntrattur Rockcut iżda dan ix-xogħol qatt ma mmaterjalizza. Din it-talba reġet saret mall-bidla tal-Gvern iżda sallum il-Kunsill għadu ma hax risposta fuq l'ebda talba oħra mressqa.

15.5 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab sabiex Transport Malta tiftaħ aċċess fi Triq Diċembru 13 minn quddiem il-ħanut tal-Bridgestone sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jitilgħu bil-mixi lejn Blata l-Bajda. Is-Sur Noel Scerri rrisponda fejn qal li din it-talba qatt ma ġiet aċċettata minn Transport Malta minħabba raġunijiet ta' sigurta' billi din it-triq hija traffikuża u jekk jitħalla aċċess jkun responsabbli għal periklu espost lill-terżi persuni.

15.6 Is-Sur Joseph Grima talab biex il-kurduni tal-konki ta' tul il-Pont ta' San Tumas fejn jinżergħu il-pjanti jiġu olzati aktar billi qed isir vandaliżmu fuqhom. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu jikkunsidra isirhux forma ta' ħadid zgħir sabiex inaqqas dan il-vandaliżmu u b'hekk tingħata dehra isbaħ. Is-Sur Joseph Grima ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## ***16. Aġġornament tal-Laqgħa***

14.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 4 ta' Frar 2015 fil-ħamsa w kwart ta' filgħaxija (5.15pm)

Il-laqgħa spiċċat fis-sitta w kwart ta' filgħaxija (6.15pm).

Francis Debono
Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Eżekuttiv

## Tender KLM 03/214 – Collection of Mixed Household Waste in an Environmentally Friendly Matter

| | |
|---|---|
| *Name of Contractor* | PAUL DEGUARA. |
| *Address* | FLT 8, BLK H<br>XEMXIJA ST, MARSA [illegible] |
| *Form of Tender* | SUBMITTED |
| *Non-Collusive Tendering Certificate* | SUBMITTED |
| *Other Information* | SUBMITTED |
| *Tender Guarantee (Bid Bond)* | SUBMITTED |

**Amount Tendered:**

| | YR 1 | Y2 | YR 3 | YR 4 |
|---|---|---|---|---|
| DELIVERED TO GHALLIS | 280 | 280 | 284 | 284 |
| DELIVERED TO ST. ANTNIN. | 244 | 244 | 248 | 248. |
| | | € | | |

[illegible]

Page 1 of 1.